## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TNEJN U TLETIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 7 ta' Frar, 2007 fis-6.15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

### AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 31
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Kumitat Qualicities
5. Kumitat Konsultattiv
6. House Collection
7. Boċċi Club
8. Korsijiet għat-tfal
9. Ilmenti
10. Approvazzjoni ta' Pagamenti

## 32 (1) Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 31

Il-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, ippropona biex il-minuti jittieħdu bħala moqrija u biex jiġu approvati nem com.

## 32 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-laqgħat u il-ħidma li wettaq dan il-Kunsill mill-aħħar laqgħa ta' l-istess Kunsill.

32 (2) 1 <u>Xiri ta' kotba għall-librerija 11 ta' Jannar 2007</u>

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mas-sur Charles Mifsud dwar xiri ta' kotba ġodda għall-librerija pubblika lokali. Is-sur Mifsud għandu wkoll iħejji draft ta' tagħrif dwar l-Isla li dan jkun jista' jiġi miktub fi ktejjeb.

32 (2) 2 <u>Ktieb dwar il-Granmastru La Sengle 11 ta' Jannar 2007</u>

Saret laqgħa mas-sur Joe Abela dwar ir-riċerka li qed jagħmel dwar il-Granmastru La Sengle. Il-Kunsill huwa mħajjar li joħroġ dan ix-xogħol fi ktejjeb għal Settembru 2007. Qed issir ħidma biex insibu sponsors sabiex jagħtu għajnuna biex jintlaħqu l-ispejjeż involuti.

32 (2) 3 <u>Problema ta' dranaġġ fil-lokal 16 ta' Jannar 2007</u>

Dan l-inkonvenjent jinsab fi Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Ġużepp u fix-Xatt. Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa ma rappreżentant tas-Sanita' is-sur Paul Grixti.

Tas-Sanita' innota li huma jintervjenu fejn jidħlu residenzi. Rigward main holes huwa qal li dawn jaqgħu taħt il-Water Services Corporation.

32 (2) 4 <u>Laqgħa mal-Perit Lawrence Mintoff 25 ta' Jannar 2007</u>

Din il-laqgħa saret dwar diffikultajiet li qed jiltaqgħa magħhom il-Kunsill fix-xogħol ta' resurfacing li qed isir fi Triq iż-Żewġ Mini kif wkoll biex jagħmel estimi tal-ħsara li hemm mal-bini tal-Klabb tal-Boċċi mal-ġenb li jagħti mal-playing field.

32 (2) 5 <u>Laqgħa ma TCTC 29 ta' Jannar 2007</u>

Saret laqgħa mas-sur Joe Abela minn din il-kumpanija fil-Kunsill Lokali tal-Birgu għall-erba' Kunsilli tal-Kottonera.

Dan qed joffri korsijiet issusidjati tal-computer fil-komunita' u li huma issusidjati mill-EU. Jekk is-sussidju mill-Kunsill jkun ta' Lm475 dan joffri korsijiet b'xejn liċ-ċittadini kollha fil-lokalita'. Jekk in-numru ta' applikanti jkun minn 25 u inqas, il-Kunsill jissusidja b'madwar Lm195. Aktar dettalji jinsabu fil-brief imqassam apposta f'din il-laqgħa.

32 (2) 6 Riċeviment HMS Cornwall 2 ta' Frar 2007

Għal dan ir-riċeviment kien mistieden is-Sindku Joseph Casha. Pero' billi ma setax jattendi huwa iddelega lil Viċi Sindku Walter Ahar u il-Kunsillier Louis Henwood biex immorru għal dan ir-riċeviment kif fil-fatt sar.

32 (2) 7 Żjara privata minn Cassino

Grupp ta' Taljani mill-municipio ta' Cassino ġew fuq żjara privata f'Malta għal tletti ijiem. Is-sindku Joseph Casha ħa ħsieb biex jgħinhom isibu akkomodazjoni kif ukoll kellhu diskussjoni magħhom dwar kif jista' jsir investiment turistiku bejn iż-żewġ naħat.

Nota : Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill (6.55pm)

32 (2) 8 Laqgħa ma' l-ETC dwar skemi li qed joffru 5 ta' Frar 2007

Saret laqgħa fl-uffiċju ta' l-ETC mas-sur Charles Cassar u is-sur Mario Camilleri dwar skemi li l-ETC toffri f'dak li huma ħaddiema u żgħażagħ li qed jirreġistraw għax-xogħol jiġu assenjati mal-Kunsill għal perjodu ta' tlett ġimgħat mingħajr piż finanzjarju għal Kunsill. Kopja tal-proposti huma mehmuża mal-minuti.

Il-Kunsill qed jaqbel li jieħu sehem f'żewġ skemi (Job Experience) u (Work Scheme)

32 (2) 9 Laqgħa mal-Global Capital 7 ta' Frar 2007

Is-Sindku Joseph Casha iltaqgħa mas-sur Emanuel Magro u is-sinjorina Lorna Pace fl-uffiċċju tal-Kunsill. Ġie diskuss kif din il-kumpanija tista tissusidja attivitajiet tal-Kunsill u fl-istess ħin huma jkunu jistgħu jintroduċu is-servizzi tagħhom liċ-ċittadini tal-lokal. Dan diġa sar b'suċċess u għal ġid ta' żewġ naħat fl-lokalitajiet oħra.

Huma stqarrew li teżisti il-possibilita' li jkunu jistgħu jgħinu lil Kunsill fl-attivitajiet li huwa qed iħejji għat-tifkira ta' Jum l-Isla fit-8 ta' Mejju.

Sar qbil li il-Kunsill jibgħat draft programme ta' l-attivitajiet li bi ħsiebu jtella biex huma jkunu jistgħu jindikaw fejn, meta u kif ikunu jistgħu jikkontribwixxu għal xi attivita' magħżula minnhom.

32 (2) 10 **Korrispondenza bejn l-10 ta' Jannar 2007 u is-7 ta' Frar 2007**

| | |
|---|---|
| **04/0060/07** | Grupp Gwardjola<br><br>Dan il-grupp filantropiku irringrazzja lil Kunsill talli approva it-talba tagħhom għall-użu tas-Sala u anki għad-donazzjoni ta' Lm50 |
| | |
| **04/0065/07** | Proġett Eurosportello – Abruzzo<br><br>Il-Kunsill irċieva id-dokumenti meħtieġa biex issir l-applikazzjoni għal fondi mill-EU għal proġett kulturali bi sħab ma diversi pajjiżi oħra. Il-Kunsill sejjer jieħu sehem bħala co-partner fil-programm Culture 2007 – 2013. |
| | |
| **04/0071/07** | Assoċċjazjoni Business Women<br><br>Sejjer jinżamm seminar fit-18 ta' Mejju 2007. Talba biex tiġi innominata mara mil-lokal biex tieħu sehem f'dan is-seminar. Hemm talba ta' donazzjoni ta' Lm25 mhux obbligatorja. |
| | |
| **04/0084/07** | Xogħol ta' ħsarat fid-drainage<br><br>L-engineer Paul Gatt (WSC) informa lil Kunsill li dan ix-xogħol mitlub mil-Kunsill qed isir. |
| | |
| **04/0087/07** | Urban regeneration Programm ERDF<br><br>L-awtorita' tad-djar talbet lil Kunsill biex jindika dawk l-ispoil areas fil-lokal li jistgħu jiġu żviluppati f'dan is-sens. Huwa proġettat li ssir laqgħa magħhom. |
| | |
| **04/0092/07** | Talba għal Reserved Parking fi Triq il-Vitorja<br><br>L-ADT infurmat lil Kunsill li saret din it-talba mis-sur Kenneth Brincat ta' 49 Triq il-Viitorja u talbet lil Kunsill biex jibgħa tit-tagħrif tiegħu fuq il-familja . |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/0096/07 | Sewqan eċċessiv fil-lokal<br><br>L-assistent kummissarju Lawrence Cauchi informa lil Kunsill li l-ilment imressaq mill-Kunsill dwar dan is-sewqan eċessiv ġie ittekiljat. |
| | |
| 04/0099/07 | |
| | |
| 04/0106/07/O | Ħsejjes eżaġerati wara il-11.00pm mil-Waterfront Complex<br><br>Il-Kunsill fuq ilment li sar minn residenti li joqgħodu l-Isla dwar l-inkonvenjent li qed ikun hemm mużika eżaġerata wara il-ħdax ta' bil-lejl u li tinstema ġejja mil-Waterfront Complex (kopja mehmuża) |
| 04/0116/07 | Talba tal-Kunsill lil Mepa għal Ground tal-Football<br><br>Il-Mepa għarfet lil Kunsill li din l-awtorita' talbet l-opinjoni taċ-ċentru ta' riabilitazzjoni tal-Kottonera. |
| | |
| 04/0117/07 | 'Viset' jwieġbu lil Kunsill<br><br>Dawn wieġbu għal ilment imressaq minn ċittadin li joqgħod fil-Ponta. Huma mxew eżatt mar-regoli ta' l-entertainment u skond il-permessi li għandhom. |
| | |
| 04/0127/07 | Devoluzzjoni Shelters<br><br>Id-dipartiment għal Gvern Lokali informa lil Kunsill li għadu qed jaħdem fuq l-applikazzjoni formali għad-devoluzzjoni tax-shelters fl-Isla. Minħabba li biex issir din l-applikazzjoni jeħtieġ finanzjament biex issir feasibility study u project assesment, il-Kunsill għadu mhux f'pożizzjoni li joħroġ dan il-finanzjament. |
| | |
| 04/0140/07 | L-arloġġ tad-dockyard, Isla<br><br>Il-Kunsill irċieva it-tweġiba għal mistoqsija parlamentari nru. 22935 dwar għala mhux qed jiffunzjona u li kienet mressqa mill-MP Mario Galea(kopja mehmuża bit-tweġiba tal-ministru Tonio Borg) |
| | |
| 04/0141/07 | |
| | |
| 04/0143/07 | Talba minn tifel li qed jieħu sehem fin-nursery tal-football.<br><br>Biex il-Kunsill jagħmel il-Ground tal-Football fil-Ponta u biex jgħin ħalli jkollhom il-full kit. Il-Kunsill qed jagħmel ħiltu kollha biex dan il-ground jiġi mibdul f'5 a side ground bl-artificial turf. It-talba għada qed tiġi proċessata mill-MEPA. Rigward il-full kit, fil-passat dejjem ta l-għajnuna tiegħu kif |

| | |
|---|---|
| | permess mil-liġi finanzjarja u kif seta'. |
| | |
| 04/0154/07 | Devoluzzjoni tal-Ground tal-Football fil-Ponta.<br><br>Id-devoluzzjoni ta' dan il-ground reġgħet ġiet mġedda għal tlett snin oħra. |
| | |
| 04/0156/07 | Talba għal reserved parking (mutur) Triq l-Arċisqod Mattei<br><br>Din it-talba trid issir lil ADT u mhux lil Kunsill. |
| | |
| 04/0171/07 | President Senglea Football Club Nursery<br><br>Is-Sindku qara l-ittri mibgħuta mis-sur Stephen Spiteri dwar il-programm li hu għamel fuq Smash Tv dwar il-proġett tal-Ground tal-Football fil-Ponta. |
| | |
| 04/0177/07 | Wires ta' l-Enemalta bit-tape<br><br>L-Enemalta infurmat lil Kunill  li wara li għamlet spezzjoni ma sabitx cable mġonġija bit-tape skond kif espress mill-Kunsill. Inqrat l-ittra (kopja mehmuża). |
| | |
| 04/0211/07 | Reserved Parking Approvat mill-ADT<br><br>Is-sur Frans Mizzi irringrazzja lil Kunsill għal għajnuna tiegħu biex l-ADT aċċettat it-talba tiegħu għal reserved parking quddiem id-dar tiegħu. |
| | |
| 04/0213/07 | Talba tal-Kunsill lil Kumitat ta' Riabilitazzjoni tal-Kottonera<br><br>Dan il-Kumitat għadu ma jistax iwieġeb għat-talbiet tal-Kunsill minħabba li għadu  mhux magħruf meta sejjer jerġgħu jiltaqgħu. |
| | |
| 04/0218/07 | Ħatra ta' Dun Anton Gouder<br><br>Il-Kunsill ġie mistieden għal quddiesa fil-paroċċa nhar is-Sibt 10 ta' Frar bħala ringrazzjament għal ħatra ta' Dun Anton Gouder bħala Pro Vigarju tal-Konslu f'Malta. |
| | |
| 04/0236/07 | Dokumenti mitluba mill-ADT<br><br>Il-Kunsill sejjer jibgħat dawn id-dokumenti mitluba u li huma dwar ix-xogħolijiet ta' resurfacing li qed isir fit-toroq ta' l-Isla taħt il-ftehim li hemm bejn il-Kunsill u l-ADT. |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| **04/0238/07** | Talba għal użu ta' Ġnien il-Gardjola<br><br>Il-Kunsill approva it-talba ta' Shaun Vella u Sara Falconi biex jagħmlu użu minn Ġnien il-Gardjola għat-tieġ tagħhom. |
| | |
| **04/0245/07** | Ittra minn Frans Bugeja<br><br>Din l-ittra li hija mehmuża ma dawn il-Minuti nqrat waqt il-laqgħa tal-Kunsill. |

## 32 (3) Mistoqsijiet

Seba' mistoqsijiet mressqa bil-miktub lis-Sindku Joseph Casha mil-Kunsillier Louis Henwood ġew imwieġba bil-miktub u nqraw mis-Sindku waqt din il-laqgħa tal-Kunsill (Kopji tal-mistoqsijiet nru. 2/07 sa 8/07 huma mehmuża ma dawn il-minuti).

Kopja ta' dawn il-mistoqsijiet ingħataw lil Kunsillier Louis Henwood.

## 32 (4/5) Kumitati Proġett Qualicities / Sottokumitat Konsultattiv

Is-Sindku informa lil Kunsill li il-persuni indikati fil-laqgħa tal-Kunsill nru 31 ġew ikkuntatjati u kollha qablu li jipparteċipaw f'dawn iż-żewġ kumitati. Hemm ippjanat li ssir laqgħa ta' introduzzjoni it-Tlieta 13 ta' Frar 2007 fis-6.30pm fis-Sala tal-Kunsill biex jsir briefing u jiġu stabbilit il-mod ta' kif dawn sejrin jaħdmu. Lista ta' membri li sejrin iservu fuq dawn iż-żewġ kumitati huma mehmuża ma dawn il-minuti.

## 32 (6) Tender House Collection 29 ta' Jannar 2007

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara fejn it-tlett sindki involuti (Birgu, Isla, Kalkara) iddiskutew l-offerti mitfugħa għal House Collection. Tender għat-tlett lokalitajiet flimkien.

Wara li ġew imfissra il-proċeduri finanzjarji u legali dwar il-kuntratti. It-tlett Sindki qablu li jmorru għall-irħas offerta' basta b'servizz tajjeb kif mixtieq mis-Sindki.

Dan it-tender qed tinħareġ kollettivament bejn it-tlett kunsilli Isla, Birgu u Kalkara

## 32 (7) Boċċi Klabb

Is-Sindku informa lil-Kunsill li l-Perit għamel stima ta' l-embellishment tal-parti mal-playing field li taħbat mal-ħajt tal-boċċi klabb. Dan sejjer iservi biex jissewwew il-ħsarat li saru minħabba il-ħamrija li hemm.

L-istima hija mehmuża ma dawn il-minuti (Lm1650).

Fuq kuntatt li kellu Sindku Joseph Casha mal-Perit Anton Camilleri, Direttur tal-Manutenzjoni ta' Bini u Djar, l-istess Direttur Ġenerali talab lis-Sindku biex din l-istima tintbagħat lid-Dipartiment. Jekk id-Dipartiment jaċċetta t-talba tal-Kunsill Lokali bħas-soltu jidħol il-Kunsill biex jagħmel dan ix-xogħol hu u mbagħad jiġi ikumpensat bl-ispejjez.

## 32 (8) Korsijiet tat-tfal/kbar fil-Kunsill

8 (1) Korsijiet tal-computer

Kien hemm response sew għal dan il-course kemm mit-tfal u anki mil-kbar. Sejrin isiru żewġ korsijiet għat-tfal u wieħed għal kbar, f'kull kors hemm disa' persuni. Il-Kunsill sejjer jissusidja dawn il-korsijiet bl-ammont zgħir ta' flus.

8 (1) Nitgħallmu flimkien imtella mill-Fondazzjoni Gem.

Il-Kunsill sejjer jissusidja dan il-kors għall-ammont ta' Lm98 fejn tfal jitgħallmu jiktbu u jaqraw permezz ta' logħob u reċtar. Dan qed jgħin ħafna sabiex jingħeleb l-illiteriżmu f'dawn in-naħat.

8 (3) Merlin Library

Is-Sindku kellu diskussjonijiet ma' din l-Aġenzija fejn hemm il-ħsieb li l-Kunsill jissusidja lit-tfal tal-Kindergarten fl-okkazzjoni ta' Jum l-Isla.

## 32 (9) Ilmenti

Ma kienx hemm ilmenti għad-diskussjoni.

## 32 (10) Approvazzjoni ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-ħlas għal ammont ta' Lm6,242.24. Kopja tagħhom hija mehmuża mal-minuti.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.35pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv